Verżjoni Elettronika

A.L. 95 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar l-Għeluq ta' Ħwienet u Ħwienet ta' Bejgħ mhux Essenzjali li Jipprovdu Servizzi mhux Essenzjali.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Marzu, 2020.

Tifsir.

2. F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Għeluq ta' ħwienet u ħwienet ta' bejgħ mhux essenzjali li jipprovdu servizzi mhux essenzjali.

3. (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika b'dan tordna l-għeluq tal-ħwienet kollha li n-negozju ewlieni tagħhom huwa relatat mal-bejgħ ta' ħwejjeġ, ħwejjeġ sportivi, ġojjellerija, basktijiet u oġġetti tal-ġilda, ġojjellerija artifiċjali u aċċessorji, żraben, nuċċalijiet bla riċetta, fwejjaħ, prodotti tas-sbuħija, oġġetti għall-ħjata, dekorazzjonijiet tad-djar, ħwienet tas-*souvenirs*, *discount stores*, ħwienet tal-bagalji, ħwienet tal-ġugarelli, ħwienet tal-passatempi, ħwienet tal-għamara, bejjiegħa tal-fjuri, bejjiegħa li jbigħu sigaretti elettroniċi, kemm jekk qegħdin joperaw fi stabbilimenti u/jew x'imkien ieħor:

Iżda dawn il-ħwienet jistgħu jipprovdu servizzi ta' *delivery* tal-prodotti tagħhom lill-komunità.

(2) Dan l-ordni għall-għeluq għandu jestendi għall-ħwienet li jipprovdu servizzi mhux essenzjali: parrukkiera, barbiera, *beauticians, spas,* dawk li jpinġu fuq id-dwiefer, *nail technicians,* u dawk li jagħmlu t-tpinġija fuq in-nies.

(3) Is-Suprintendent tista', b'avviż fil-Gazzetta, temenda dan l-ordni għall-għeluq sabiex tneħħi jew tinkludi ħwienet oħrajn.